**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLEITA 9 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 20**

**Avviz Nru: 16/02AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Carmelo Bruno u l-istess Carmelo Bruno**

**Vs**

**Joseph Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm421.34), dann subiti fuq vettura AAL 743 li minnhom Lm32 (excess) thallsu mill-attur Carmelo Bruno filwaqt li l-bilanc tas-somma mitluba thallset mis-socjeta attrici

wara l-incident tat-traffiku li sehh bejn il-vettura bin-numru LCK 543 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru AAL 743 misjuqa minn Lyndsay Bruno u propjeta ta’ l-assikurat Carmelo Bruno, ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku li huwa l-meritu ta’ din il-kawza sehh gewwa Triq is-Silla, Marsaskala fis-16 ta’ Ottubru 1997.

2. Il-vettura tal-marka Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni AAL 743 kienet qeghda tinstaq minn Lindsay Bruno, filwaqt li l-vann bin-numru ta’ registrazzjoni LCK 543 kien misjuq mill-konvenut.

3. Mill-provi rrizulta li s-sewwieq tal-vann bin-numru LCK 543 kien qieghed jirriversja sabiex johrog minn Triq is-Silla, Marsaskala ghal fuq Triq l-Imriekeb.

4. Skond ir-regolamenti tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq:

200 - *"Qabel tregga' lura, kun zgur li ma jkunx hemm xi tfal jew nies jew ostakli ohra warajk. Ftakar li meta ssuq b'lura u ddawwar, il-parti ta' quddiem tal-vettura tieghek tesporgi 'l barra fit-triq"*.

201 – *"Issuqx lura minn triq fil-genb ghal triq principali"*.

203 – *"Treggax lura ghal distanza akbar milli jkun assolutament mehtieg"*.

Kif jidher mir-regolamenti, is-sewqan b'lura, minhabba d-diffikultajiet partikolari li jirraprezenta, ghandu jkun ristrett kemm jista' jkun, u, meta jsir, irid ikun akkompanjat mill-prekawzjonijiet kollha mehtiega. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (**Il-Pulizija vs J. Aquilina**) tat-12 ta' Marzu 1961 saret riferenza ghal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fejn kien gie ritenut: *"La retromarcia di un autoveicolo costituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente,*

*per la sagoma dell'autoveicolo o per altra causa, non e' in grado di vedere tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manonvra"*.

Rilevanti huwa dak li xehed il-konvenut: *"Irrid insemmi li fil-hin li jiena kont qieghed nirriversja kont qieghed inhares fuq il-lemin tieghi.* ***Kelli rasi barra mit-tieqa u kont qieghed inhares lura****. Dan peress illi n-naha tax-xellug kont diga' tlaqtha. Il-karrozza Skoda giet minn fuq in-naha tax-xellug tieghi u kien ghalhekk li jiena ma stajtx naraha"* (seduta tal-21 ta' Marzu 2002). Xehed ukoll li: *"qabel ma sehh l-incident jiena kont diga' rriversjajt distanza ta' bejn tmien metri u ghaxar metri"*.

5. Min-naha l-ohra s-sewwieq tal-vettura Skonda (numru AAL 743) xehdet li:

- Kellha taqsam ghan-naha l-ohra tat-triq ghaliex skond hi *"il-karreggjata minn fejn kont ghaddejja jiena kien hemm l-iskips fit-triq"*. Ix-xhud immarkat fuq l-iskizz (Dok. MA5) b'salib kulur iswed il-post fejn bejn wiehed u iehor kien jinsabu l-iskips.

- *"ma nafx kemm kont il-boghod meta dan beda jirriversja. Pero' kont zgur vicin"*.

- Daqqet il-horn u f'dak il-mument il-vann kien diga' qieghed jirriversja.

- Fil-hin li sehh l-incident il-karrozza ma kenitx qeghda fuq *gear*.

6. Huwa ta' rilevanza li: *"sewwieq ta' karrozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta' lok ghal dik il-kollizzjoni"* (Vol. XLVII.ii.96). Jista' jkun hemm lokalitajiet li jkunu jirrikjedu li f'certu moment, id-driver ikollu jinqala' min-naha estrema tax-xellug u jigbed ghan-nofs it-triq, ghax hekk tkun per ezempju tindika t-trajettorja normali tat-traffiku.

7. Mill-iskizz li gie redatt mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (PC159 Carmel Degiorgio) jirrizulta bic-cjar li fil-hin li sehh l-incident il-vettura Skoda kienet fuq in-naha hazina tat-triq. It-Tribunal m'huwiex konvint li din il-manuvra saret ghar-raguni li semmiet is-sewwieq fix-xhieda taghha (Lindsay Bruno), izda pjuttost sabiex tkun tista' tibqa' ghaddejja fi triqtha peress li kien hemm il-vann misjuq mill-konvenut qieghed jostakola l-karreggjata li kienet ghaddejja minnha.

8. Wara li t-Tribunal qies il-provi li ngiebu quddiemu, jikkonkludi li r-responsabbilta ghall-incident ghandha tigi apporzjonata ugwalment bejn il-konvenut u s-sewwieq tal-vettura Skoda bin-numru AAL 743:

- Il-konvenut huwa responsabbli ghas-sinistru peress li bil-fatt li kien qieghed ihares mit-tieqa ta' fuq il-lemin tieghu, pogga lilu nnifsu fl-impossibilta li jista' jikkontrolla u jara t-traffiku li, kien gej minn warajh (bhall-vettura Skoda) u dan ghalkemm jirrizulta li kellu vizwali libera. Dan apparti l-fatt li huwa ghazel li jaghmel manuvra ta' *reverse* mhux f'linja dritta, imma minn fuq ix-xellug ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq, cirkostanza li kienet timponi fuqu l-obbligu li jaghmel din il-manuvra b'ikbar attenzjoni.

- Hemm negligenza kontributorja tas-sewwieq tal-vettura Skoda (AAL 743) billi ghalkemm rat vann qieghed jirriversja, marret fuq in-naha l-ohra tat-triq u baqghet ghaddejja. It-Tribunal huwa tal-fehma li qabel ma ghamlet din il-manuvra, Lindsay Bruno messha kienet zgurha, illi tista' tghaddi b'sikurezza. Irid jinghad li x-xhud ma ftakritx fejn kienet tinsab il-vettura taghha meta l-konvenut beda jirriversja (ghalkemm tghid li kienet vicin), u f'dan is-sens ix-xhieda taghha ma tistax tkun ta' ghajnuna ghat-tezi taghha. Mill-iskizz (Dok. MA5) jidher li meta s-sewwieq tal-vettura Skoda giet biex taghmel il-manuvra biex tghaddi l-vann Toyota, dan ta' l-

ahhar kien diga' qieghed jirriversja. Dan id-dokument jaghti wiehed x'jifhem li l-Iskoda marret fuq in-naha l-ohra tat-triq mhux minhabba l-*iskips* imma sabiex tghaddi l-vann Toyota [LCK 543] li dak il-hin kien diga' qieghed jirriversja.

9. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut ikkontesta l-ammont reklamat. Fis-survey li sar minn Natalino Agius (Dok. MA6) jinghad: *"This vehicle has suffered damages on the left front door, and rear door plus the left rear wing. The left doors have been distorted and these cannot be properly panel beated without using any filler or drilling holes on the frames"*. Mill-provi rrizulta li l-vettura Skoda ma kenitx ilha snin twal fit-triq, u mehud in konsiderazzjoni dak li jinghad fis-*survey report* it-Tribunal huwa tal-fehma li kien jehtieg li jinbidlu l-bibien. Fir-rigward tad-danni, it-Tribunal mhux ser iqies ir-ricevuti Dok. MA14 u MA15 (spejjez ghall-irmunkar ta' vettura li ma japplikawx ghal kaz odjern) u t-talba ghall-hlas ta' Lm24 li tirreferi ghax-xiri ta' *seat belt* (Dok. MA13).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara z-zewg sewwieqa responsabbli f'sehem ugwali (50/50) ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Ottubru 1997.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sebgha u sebghin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm177.38).

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**